MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014

Avviz Numru. 107/2011

**Nadia Cassar**

**Vs**

**Fabio Agius**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Nadia Cassar fid-29 ta' Marzu 2011 permezz ta' liema titlob li Fabio Agius jigi kkundannat ihallasha somma li ghandha tigi likwidata mill-Qorti, anke permezz ta' Periti nominandi, rapprezentanti l-valur ta' oggetti li hija xtrat ghall-fond proprjetà tieghu waqt relazzjoni li hija kellha mieghu u li llum intemmet u dana skond ftehim verbali li kien hemm bejniethom li Fabio Agius jaghtiha l-ammont li hija nefqet fi flus f'kaz li hija ma tibqghax tirrisjedi fil-fond proprjetà tieghu, bl-imghax legali dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju pprezentat kontestwalment mar-Rikors promotur, kontra l-istess Fabio Agius;

Rat li l-attrici ddikjarat li l-pretensjoni taghha ma teccedix is-somma ta' sitt elef u hames mitt Euro (€6,500);

Rat ir-Risposta ta' Fabio Agius permezz ta' liema jeccepixxi li: (i) l-azzjoni attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez; (ii) qabel kollox l-attrici ghandha tipprovdi elenku ta' l-oggetti li hi qed tallega li jappartjenu lilha, prova li dawn l-oggetti jappartjenu lilha u anke dettalji dwar meta inxtraw u l-prezzijiet relattivi taghhom u ghandha wkoll tipprovdi ricevuti taghhom; (iii) bla pregudizzju ghall-premess, l-attrici ma hijiex intitolata ghall-valur fi flus ta' oggetti li tallega li jappartjenu lilha stante li qatt ma kien hemm ftehim bejnu u bejnha fis-sens li l-attrici tkun intitolata ghall-valur fi flus ta' l-oggetti li jirrizultaw li jappartjenu lilha. *Se mai* l-attrici hi intitolata sabiex tiehu lura dawk l-oggetti li allegatament huma taghha, senjatament jekk jirrizulta li l-oggetti in kwistjoni huma ta' l-attrici; (iv) bla pregudizzju ghall-premess, huwa già offra li jaghti lura lill-attrici l-affarijiet mobbli li nxtraw minnha u ghalhekk hija ghandha tbaghti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri; (v) bla pregudizzju ghall-premess, fi kwalunkwe kaz l-ammont pretiz mill-attrici huwa ferm ezagerat; salvi eccezzjonijiet ulterjuri u b'riserva ghal kull azzjoni spettanti lilu kontra l-attrici, kompriza dik ghall-arrikkiment indebitu, stante li hija baqghet tghix fid-dar tieghu minghajr ma thallas kera u minghajr ma tikkontribwixxi ghall-ispejjez;

Rat l-affidavit ta' l-attrici u d-dokumenti annessi mieghu a fol. 13 sa' 36 tal-process u semghet ix-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduti tal-31 ta' Jannar 2012[1] u tal-15 ta' Mejju 2012[2] u rat id-dokument ipprezentat mill-konvenut markat Dok. "FA1" a fol. 39 tal-process;

Rat ir-Rapport ta' l-Espert nominat mill-Qorti l-Avukat Dr. Philip Galea a fol. 54 sa' 56 tal-process u semghet ix-xhieda tieghu moghtija waqt is-seduta tat-18 ta' Marzu 2013[3];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-attrici a fol. 66 sa' 71 tal-process u rat in-Nota Responsiva tal-konvenut a fol. 73 sa' 76 tal-process u semghet it-trattazzjoni finali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attrici titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha somma li ghandha tigi likwidata minn din il-Qorti u li fi kwalunkwe kaz ma teccedix l-ammont ta' €6,500, rapprezentanti l-valur ta' oggetti minnha akkwistati ghall-fond proprjetà tieghu waqt relazzjoni li kellhom bejniethom u li llum intemmet, u dana skond ftehim verbali li kien hemm bejniethom fis-sens illi f'kaz li hija ma tibqghax tghix fil-fond tal-konvenut huwa jaghtiha fi flus l-ammont li nefqet. Il-konvenut jikkontesta t-talba ta' l-attrici u jitlob li l-istess tigi michuda stante li apparte l-fatt li l-attrici ghandha taghti elenku ta' l-oggetti li tippretendi li huma taghha u ggib prova li dawn l-oggetti jappartjenu lilha u taghti dettalji dwar meta nxtraw, il-prezzijiet relattivi taghhom u tipprovdi r-ricevuti relattivi, hija ma hijiex intitolata ghal ebda hlas fi flus peress illi qatt ma kien hemm ftehim f'dan is-sens bejniethom. Jikkontendi li se mai l-attrici hija intitolata li tiehu lura dawk l-oggetti li allegatament huma taghha kemm-il darba jirrizulta li huma proprjetà taghha, offerta li già kienet saret minnu u ghalhekk l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-attrici. Il-konvenut jeccepixxi wkoll li fi kwalunkwe kaz l-ammont pretiz mill-attrici huwa ferm ezagerat.

Mill-provi prodotti mill-partijiet kontendenti jirrizulta li l-attrici u l-konvenut kellhom relazzjoni u li l-attrici ghamlet perijodu ta' zmien tghix mal-konvenut f'appartament di proprjetà tieghu. Tul il-perijodu ta' zmien li l-attrici ghamlet tghix mal-konvenut hija akkwistat, a spejjez taghha u bil-kunsens tieghu, diversi affarijiet ghall-appartament u anke inkorriet f'certa spejjez ohra kif jirrizulta mill-prospett anness ma' l-affidavit taghha a fol. 17 tal-process. Wara madwar sentejn li l-attrici kienet ilha tghix mal-konvenut ir-relazzjoni taghhom intemmet u filwaqt li hi ma baqghetx tghix fil-fond tal-konvenut, l-oggetti minnha akkwistati u hemm installati baqghu ghand il-konvenut li baqa' jaghmel uzu minnhom.

Kif già iktar 'l fuq osservat l-attrici tibbaza l-azzjoni taghha fuq l-affermazzjoni li bejnha u l-konvenut kien hemm ftehim verbali li kemm-il darba hija ma kellhiex tibqa' tghix mieghu fil-fond proprjetà tieghu, huwa kellu jhallasha lura fi flus l-ammont li nefqet biex akkwistat dawn l-affarijiet, affermazzjoni din kontestata mill-konvenut. Ix-xhieda f'dawn il-proceduri huma biss l-attrici u l-konvenut u peress illi jaghtu versjonijiet opposti ghal xulxin dwar dan l-allegat ftehim verbali l-Qorti necessarjament ghandha tiffoka fuq il-kredibilità ta' kull wiehed minnhom u fuq il-verosimiljanza ta' dak minnhom affermat u dikjarat fix-xhieda taghhom.

[1] Fol. 40 sa' 42 tal-process.
[2] Fol. 45 u 46 tal-process.
[3] Fol. 62 sa' 64 tal-process.

Wara li qieset sew ix-xhieda moghtija kemm mill-attrici kif ukoll mil-konvenut u l-provi l-ohra minnhom prodotti, il-Qorti hi tal-fehma li hija iktar kredibbli u verosimili l-versjoni moghtija mill-attrici dwar il-ftehim li tghid li kellha mal-konvenut milli l-versjoni moghtija mill-konvenut fejn jichad li kien hemm tali ftehim bejniethom. Ix-xhieda moghtija mill-attrici hija ferm iktar konsistenti mix-xhieda moghtija mill-konvenut u in oltre x-xhieda tal-konvenut hija karatterizzata b'diversi kontradizzjonijiet, anke in konfront ma' dokumenti esebiti minnu stess, li serjament jimpingu fuq il-kredibilità tieghu.

Fin-Nota Responsiva[4] tieghu l-konvenut jikkontendi li fl-affidavit taghha l-attrici stess tammetti li bejniethom ma kien hemm l-ebda forma ta' ftehim dwar hlas ghall-affarijiet akkwistati minnha u ghal spejjez ohra minnha inkorsi tul il-perijodu li ghamlet tghix fil-fond proprjetà tieghu, fl-eventwalità li ma tibqghax tghix hemmhekk. Fir-rigward huwa jissottometti li *l-fatt li l-arrangament kif allegat mill-attrici ma kienx jezisti bejn il-kontendenti johrog car mix-xhieda ta' l-attrici stess u cioè fl-affidavit taghha tas-6 ta' Ottubru 2011 meta qalet "Jien ridt niehu l-oggetti li hallast ghalihom jien", xhieda illi l-arrangament allegat mill-attrici ma ezistiex bejn il-kontendenti ghaliex lanqas hi ma kienet se tonorah.* Minn qari akkurat ta' l-affidavit ta' l-attrici però u b'mod partikolari minn qari shih tal-parti tax-xhieda taghha li jaghmel referenza ghaliha l-konvenut, jirrizulta car li dak affermat mill-attrici ma jistax jinftiehem bil-mod pretiz minnu.

Dak li l-attrici effettivament tghid huwa: *xi jumejn wara* (l-incident li inqala' bejn l-attrici u l-konvenut in segwitu ghal liema hija ma baqghetx tghix mieghu) *Fabio baghtli messagg fuq il-mobile phone fejn saqsieni biex nghidlu fejn ha jgibli xi affarijiet li hu kien ippakkjali. Jiena wegibtu li xtaqt li mmur jien ghalihom sabiex niehu l-affarijiet kollha li kienu tieghi u ghalhekk tlabtu biex itini gurnata meta stajt immur bi truck ghall-affarijiet. Konna ftehmna li ser niehu f'darba dak kollu li huwa tieghi. Fabio kien ghamilha cara li ma ridnix niehu lil hadd mieghi hlief lil tat-truck ghax inkella ma jhallinix nidhol. Nghid illi jiena mort flimkien ma' tat-truck fil-gurnata li ftehmna. Fabio fetahli u hallieni niehu xi affarijiet li bdejt nippakkja. Jien bdejt nitfa hwejgi fil-boroz u tat-truck jghabbihom. Meta gejt biex niehu l-ghamara, Fabio hallieni niehu biss l-affarijiet li ma kienux ta' uzu ghalih li kienu skrivanija u s-siggu, treadmill, computer, stereo u xi affarijiet zghar ohra. Ghamara ohra, li jien kont xtrajt ma hallinix nehodha u meta bdejt nindika l-affarijiet tieghi lil tat-truck hu qalilhom biex ihallu kollox fejn kien. Jiena ridt niehu l-oggetti li hallast ghalihom jien, u meta insistejt ghalihom qalli biex naghmillu lista tal-valur taghhom biex hu jhallasni. <u>Jien accettajt, ghaliex wara kollox il-ftehim taghna, hekk kien originarjament, cioè li jhallasni l-valur ta' dak li nkun xtrajt jien u ghax dawk l-oggetti kienu mixtrija specifikatament ghall-proprjetà tieghu, u ghalhekk jien m'ghandix uzu ghalihom x'imkien iehor. Nerga' nirrepeti illi kieku ma kienx accertani illi hemmhekk ghandi nqisu bhala dari u li kien ser ihallasni ta' dawn l-oggetti f'kaz illi jinqala xi haga bejnietna, kif fil-fatt gara, jien ma kontx nixtrihom dawk l-oggetti ghax apparti li m'ghandix uzu ghalihom, m'ghandix fejn inpoggihom. Nghid ukoll illi l-flus li bihom xtrajt dawn l-oggetti jien kont faddalthom biex ninvesti f'proprjetà ghalija</u>[5].*

Dak affermat mill-attrici fl-affidavit taghha bl-ebda mod ma jista' jinftiehem u jigi interpretat bhala xi ammissjoni da parte taghha li ma kellha l-ebda forma ta' ftehim mal-konvenut kif issa minnha pretiz, anzi piuttost il-kuntrarju. In verità l-ezistenza ta' ftehim bejn il-partijiet kontendenti tohrog b'mod car mill-provi prodotti mill-konvenut stess u senjatament mill-ittra indirizzata lill-Avukat ta' l-attrici datata 28 ta' Frar 2011 markata Dok. "FA1" a fol. 39 tal-process. Fl-imsemmija ittra jinghad fost affarijiet ohra *huwa* [il-konvenut] *xtaq izomm biss il-pittura li xtraw flimkien u l-washing machine u l-airconditioning unit <u>kif originarjament miftiehem, dejjem bi ftehim ad hoc</u>[6].*

---

[4] Fol. 73 sa' 76 tal-process.
[5] Sottolinear tal-Qorti.
[6] Sottolinear tal-Qorti.

Mistoqsi dwar dan il-ftehim li jissemma fl-ittra l-konvenut inizjalment in kontro-ezami waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar 2012[7] qal *jiena nichad li qatt kien hemm xi ftehim ma' l-attrici ghalkemm dan jidher li l-ftehim jissemma' fl-ittra ta' l-avukat tieghi tat-28 ta' Frar 2011 ma nafx galfejn tnizzlet*[8] u in segwitu in kontro-ezami waqt is-seduta tal-15 ta' Mejju 2012[9] qal *filwaqt li nerga' nghid li rigward l-affarijiet li hallset ghalihom l-attrici stess ma kien hemm ebda ftehim bejnietna, il-ftehim li hemm referenza ghalih f'Dok. FA1 a fol. 39 tal-process x'aktarx jirreferi ghal dak il-ftehim li lhaqna wara li ntemmet ir-relazzjoni u cioè biex jiena nzomm il-washing machine u l-pittura kif ukoll il-kamra tas-sodda. Ma nafx ghalfejn l-avukat tieghi uza l-kelma originarjament*[10]*. Nerga' nirrepeti li bejni u bejn l-attrici ma kien hemm l-ebda forma ta' ftehim fir-rigward ta' dawk l-affarijiet li xtrathom bi flusha hi.*

Meta dwan iz-zewg istanzi li l-konvenut xehed dwar il-kontenut ta' l-ittra tat-28 ta' Frar 2011, in partikolari dwar il-parti fejn jissemma ftehim li kien hemm bejnu u l-attrici, jigu kkunsidrati sew johrog car li bejn is-seduta tal-31 ta' Jannar 2012 u s-seduta tal-15 ta' Mejju 2012 huwa biddel il-versjoni tieghu dwar il-ftehim li jissemma fl-ittra. Fejn ghall-ewwel jghid li ma kien hemm ebda ftehim u ma jafx ghalfejn issemma ftehim fl-ittra tat-28 ta' Frar 2011, in segwitu jghid li l-ftehim li hemm imsemmi fl-ittra x'aktarx jirreferi ghal ftehim allegatament milhuq bejnu u l-attrici wara li intemmet ir-relazzjoni u din id-darba jghid li ma jafx ghalfejn intuzat il-kelma *originarjament*. Fil-fehma tal-Qorti din l-inkonsistenza tal-konvenut serjament tpoggi fid-dubju l-veracità ta' dak minnu affermat u cioè li qatt ma kien hemm ftehim ma' l-attrici fis-sens minnha pretiz.

Hemm element iehor li juri li kien hemm ftehim bejn l-attrici u l-konvenut dwar hlas lilha ghall-affarijiet akkwistati minnha ghall-appartament tal-konvenut u spejjez ohra minnha inkorsi tul il-perijodu li ghamlet tghix hemmhekk fl-eventwalità li ma tibqax tghix fl-imsemmi appartament, u dana huwa l-fatt li l-konvenut offra li jhallasha s-somma ta' €1,000 ghall-affarijiet li akkwistat hi u baqghu fl-appartament.

Ghalkemm il-konvenut jghid li din l-offerta saret bhala proposta wara li inbaghtet l-ittra tat-28 ta' Frar 2011: *meta kont infridt minn ma' l-attrici kont mort ghand l-avukat u ktibtilha, fejn ghedtilha biex tiehu l-kamra tas-somda però thallili l-washing machine peress li kelli bzonna u l-aircondition biex ma taghmillix hsara u jiena kont offrejtilha somma taghhom. ... Is-somma li kont offrejt lill-attrici ma tidhirx fl-ittra ta' l-avukat tieghi, sussegwentement però kont iltqajt maghha fuq ix-xoghol u kont offrejtilha s-somma ta' €1,000. L-attrici però ma kenitx accettat il-proposti tieghi*[11], in verità mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut offra li jhallas lill-attrici din is-somma ta' €1,000 ftit tal-granet wara li hija ma baqghetx tghix mieghu u mhux wara l-ittra tat-28 ta' Frar 2011. Dan johrog car mit-traskrizzjoni tal-messaggi li l-konvenut baghat lill-attrici bejn l-1 ta' Jannar 2011 u id-19 ta' Jannar 2011 esebiti bhala Dok. "C" a fol. 21 tal-process, liema messaggi ma gewx kontestati mill-konvenut, fejn f'wiehed minnhom – senjatament il-messagg tas-16 ta' Jannar 2011 – jghid *Nadia i totally agree with u re court expenses. Just to open a court case it will cost u approximately 1500 euros and then there are lawyer expenses and it will take almost 5 years. Just to win like a 1000 euros cutting expenses. I m ready 2 give u a 1000.*

Apparte l-fatt li dan il-messagg juri li kien hemm ftehim bejn l-attrici u konvenut dwar hlas lilha ghall-affarijiet akkwistati minnha ghall-appartament u spejjez ohra inkorsi fl-eventwalità li ma tibqghax tghix hemm, ghaliex altrimenti l-konvenut zgur ma kienx se joffri ebda hlas, mill-gdid tirrizulta inkonsistenza ohra fid-dikjarazzjonijiet u

[7] Fol. 40 sa' 42 tal-process.
[8] Sottolinear tal-Qorti.
[9] Fol. 45 u 46 tal-process.
[10] Sottolinear tal-Qorti.
[11] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar 2012, fol. 40 sa' 42 tal-process.

affermazzjonijiet tal-konvenut li serjament timpingi fuq il-kredibilità tieghu. Inkonsistenza ohra f'dak affermat mill-konvenut tirrizulta mit-traskrizzjoni tal-messagg datat 19 ta' Jannar 2011, minn liema jirrizulta li kuntrarjament ghal dak minnu affermat, kien il-konvenut li rtira l-offerta ta' hlas ftit jiem wara li ghamilha u mhux li kienet l-attrici li rrifjutat: *No sorry i changed my mind. Go and talk to your lawyer cos i am talking 2 mine. And please refrain from talking 2 me if not for work reasons.*

Mix-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduti tal-31 ta' Jannar 2012 u tal-15 ta' Mejju 2013, jirrizultaw inkonsistenzi ohra li, jigi ribadit, serjament jimpingu fuq il-kredibilità tieghu. Ad ezempju fl-ittra tat-28 ta' Frar 2011 hemm indikat li l-konvenut ried izomm biss il-pittura li allegatament xtraw flimkien hu u l-attrici, il-*washing machine* u l-*airconditioning unit* u fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar 2012[12] iddikjara li *meta kont infridt minn ma' l-attrici kont mort ghand l-avukat u ktibtilha, fejn ghedtilha biex tiehu l-kamra tas-sodda però thallili l-washing machine peress li kelli bzonnha u l-aircondition biex ma taghmillix hsara*[13] ... izda imbaghad fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-15 ta' Mejju 2012 iddikjara li *l-ftehim li hemm referenza ghalih f'Dok. FA1 a fol. 30 tal-process x'aktarx jirreferi ghal dak il-ftehim li lhaqna wara li intemmet ir-relazzjoni u cioè biex jiena nzomm il-washing machine u l-pittura kif ukoll il-kamra tas-sodda*[14].
Mix-xhieda li ta l-konvenut waqt is-seduta tal-15 ta' Mejju 2013, johrog car li hu qatt ma kellu l-intenzjoni li effettivament jonora l-ftehim li kellu ma' l-attrici u wisq inqas li jroddilha lura dak li huwa legittimament taghha ghalkemm jikkontendi li kien ghamel offerta f'dan is-sens: *meta l-attrici giet biex tiehu l-affarijiet nonostante dak li kien inghad lilha fl-ittra ta' l-avukat tieghi ma hallejthiex tiehu l-affarijiet ghaliex kieku hadithom jiena kont nispicca b'xejn peress illi biex dahlet il-kamra tas-sodda l-gdida jiena kelli nehhi l-kamra li kelli u biex dahlet il-washing machine il-gdida jiena kelli innehhi l-washing machine illi kelli Jiena ma kontx hallejtha tehodhom ghaliex ghalkemm kienet giet ghall-oggetti ma kontx naf li kienet ser tiehu l-kamra tas-sodda wkoll. Jiena kont tal-fehma li konna ser naslu ghal xi forma ta' ftehim iehor wara*[15].

Jigi ribadit li dan l-atteggjament tal-konvenut serjament jimpingi fuq il-kredibilità tieghu u l-Qorti difficilment tista' tasal ghall-konkluzjoni li kif minnu allegat ma kien ebda ftehim bejnu u l-attrici dwar hlas li ghandu jigi effettwat lilha ghall-ispejjez minnha inkorsi biex akkwistat affarijiet ghall-appartament proprjetà tieghu tul il-perijodu li ghamlet tghix hemmhekk, fl-eventwalità li ma tibqax tghix hemm. Kuntrarajment ghal dak pretiz mill-konvenut, mill-provi prodotti jirrizulta konfermat li bejnu u l-attrici effettivament kien hemm tali ftehim u konsegwentement l-istess attrici hija gustifikata f'li tipprocedi kontra tieghu ghall-hlas spettanti lilha.

Fir-Risposta tieghu l-konvenut jesigi li l-attrici tressaq prova li l-affarijiet li hija tghid li akkwistat a spejjez taghha gew effettivament akkwistati minnha a spejjez esklussivi taghha u jesigi wkoll li hija tipprovdi dettalji dwar meta nxtraw dawn l-affarijiet u dwar il-prezzijiet relattivi taghhom kif ukoll li tipproduci r-ricevuti relattivi[16]. Jikkontendi wkoll li l-ammont pretiz mill-attrici bhala refuzjoni, fir-Rikors promotur minnha stabbilit f'ammont li ma jeccedix is-somma ta' €6,500, huwa ezagerat[17].

In kwantu dak mitlub mill-konvenut fit-tieni eccezzjoni tieghu jinghad illi tali prova u dettalji gew debitament forniti mill-attrici li flimkien ma' l-affidavit taghha ipprezentat kemm prospett ta' l-affarijiet akkwistati minnha u spejjez ohra minnha inkorsi[18] kif

---

12 Fol. 40 sa' 42 tal-process.
13 Sottolinear tal-Qorti.
14 Sottolinear tal-Qorti.
15 Sottolinear tal-Qorti.
16 It-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut.
17 Il-hames eccezzjoni sollevata mill-konvenut.
18 Propsett a fol. 17 tal-process.

ukoll ricevuti debitament datati relattivi ghall-affarijiet u oggetti akkwistati minnha[19]. Apparte minn dan il-konvenut stess irrikonoxxa li l-attrici effettivament akkwistat l-affarijiet u inkorriet fl-ispejjez indikati minnha fil-prospett taghha, l-ewwel f'dak verbalizzat waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2011[20] fejn gie dikjarat li l-konvenut ma huwiex qed jikkontesta l-valuri indikati mill-attrici fil-proposett taghha ghalkemm jikkontendi li l-valur ta' l-oggetti ghandu jigi stmat fiz-zmien tal-prezentata ta' l-azzjoni attrici u mhux iktar il-valur ta' l-akkwist attwali, u mill-gdid waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar 2012[21] fejn in risposta ghal domanda tal-Qorti l-konvenut irrisponda li *ghall-affarijiet elenkati fil-lista a fol. 17 tal-process, dawn thallsu kollha mill-attrici.*

In kwantu rigwarda l-kontestazzjoni tal-konvenut li l-ammont pretiz mill-attrici huwa ezagerat anke ghaliex skontu l-valur ta' l-affarijiet minnha akkwistati u li baqghu fil-pussess tieghu ghandu jigi kkunsidrat fiz-zmien tal-prezentata ta' l-azzjoni attrici u mhux il-valur attwali ta' l-akkwist taghhom, jibda biex jigi osservat li l-attrici ma hijiex qed titlob kundanna ghall-hlas ta' ammont determinat izda qed titlob kundanna hlas ta' ammont *da liquidarsi,* liema ammont fi kwalunkwe kaz ma jeccedix €6,500. Il-mod kif inhi impostata t-talba attrici kjarament juri li ghalkemm bejn il-partijiet kontendenti kien hemm ftehim li f'kaz li ma tibqghax tghix mal-konvenut fil-fond proprjetà tieghu l-attrici tithallas ta' l-affarijiet li akkwisat ghall-fond u ghal spejjez ohra inkorsi minnha tul iz-zmien li ghamlet tghix hemm, il-*quantum* tal-hlas ma kienx gie specifikatament miftiehem bejniethom.

Fil-fehma tal-Qorti l-valur li l-attrici ghandha tithallas ghall-affarijiet akkwistati minnha ghall-appartament tal-konvenut, liema affarijiet baqghu fil-pussess tieghu wara li ma baqghetx tghix mieghu, ma huwiex il-valur ta' l-akkwist izda l-valur ta' l-oggetti fiz-zmien meta ntemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom, ossia l-ahhar ta' Dicembru 2010. In kwantu rigward spejjez ohra minnha indikati fil-prospett a fol.17 tal-process dawn ghandhom jigu rimborsati *in toto* in kwantu dawn kienu spejjez ta' darba u ma tregix l-iskuzanti avvanzata mill-konvenut li dawn saru ghaliex riedet l-attrici ghaliex fl-ahhar mill-ahhar huwa accetta li jsiru u llum baqa' jgawdi l-effetti ta' tali spejjez.

Ghall-fini li jigi determinat il-valur ta' l-affarijiet akkwistati mill-attrici gie nominat bhala Espert l-Avukat Dottor Philip Galea bl-inkarigu specifiku li jaghti stima tal-valur ta' l-affarijiet akkwistati mill-attrici f'Dicembru 2010, ossia fiz-zmien meta intemmet ir-relazzjoni bejn il-partijiet kontendenti. L-Espert inkarigat mill-Qorti wasal ghal stima ta' €4,287[22], liema stima però irrizulta li: tirrifletti l-valur ta' l-oggetti fiz-zmien meta inzamm l-access, ossia f'Gunju 2012, u mhux fiz-zmien meta intemmet ir-relazzjoni bejn il-partijiet kontendenti f'Dicembru 2010; (ii) il-pittura ta' Sean Cini giet stmata a bazi ta' gosti personali ta' l-Espert inkarigat; u li (iii) l-ispejjez ta' darba inkorsi mill-attrici ghall-hjata ta' purtieri tal-washroom u hjata ta' *soft furnishings* tal-*bedroom* ukoll gew stmati fiz-zmien ta' l-access u mhux fil-*quantum* li l-attrici effettivament nefqghet ghalihom. Dawn it-tlett elementi jwasslu lill-Qorti biex ma tistrihx ghal kollox fuq l-istima maghmula mill-Espert nominat u dana b'mod partikolari ghal dak li jirrigwarda l-valur tal-kamra tas-sodda fejn hemm l-ikbar avarija fil-valur bejn Dicembru 2010 u Gunju 2012, tal-pittura ta' Sean Cini u l-ispejjez ta' darba ghall-hjata ta' purtieri tal-washroom u hjata ta' *soft furnishings* tal-*bedroom.*

B'hekk u anke a bazi tax-xhieda moghtija mill-Espert waqt is-seduta tat-18 ta' Marzu 2013[23], filwaqt li tikkonferma l-valuri moghtija minnu ghal *textiles*, airconditioner, washing machine tad-ditta Candy, vaccum cleaner, mobile tad-ditta Samsung, lampa tal-perspex hamra, u ghall-ispejjez inkorsi ghal xoghol ta' manutenzjoni tal-gallarija ta'

[19] Dok. NC01 sa' Dok. NC08 a fol. 22 sa' 36 tal-process.
[20] Fol. 37 tal-process.
[21] Fol. 40 sa' 42 tal-process.
[22] Relazzjoni ta' l-Avukat Dottor Philip Galea a fol. 54 u 55 tal-process.
[23] Fol. 62 sa' 64 tal-process.

l-appartament, ghall-installazzjoni ta' l-airconditioner u ghall-accessorji tal-purtieri, il-Qorti qed tistma' l-valur tal-kamra tas-sodda u tal-pittura ta' Sean Cini f'Dicembru 2010 fl-ammonti ta' €2,700 u €325 rispettivament u tilikwida l-ispejjez ghall-hjata ta' purtieri tal-washroom u hjata ta' *soft furnishings* tal-*bedroom* fl-ammonti ta' €92 u €153 rispettivament. Ghaldaqstant, il-Qorti qed tillikwida s-somma li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici ghall-affarijiet minnha akkwistati ghall-appartament tieghu u li baqghu fil-pussess tieghu u ghal spejjez ohra inkorsi minnha fl-ammont globali ta' **€4,742.00**.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut, tilqa' t-talba attrici u tillikwida is-somma li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici ghall-affarijiet minnha akkwistati ghall-appartament tieghu tul il-perijodu li ghamlet tghix mieghu u li baqghu fil-pussess tieghu wara li ma baqghetx tghix fl-appartament u ghal spejjez ohra inkorsi minnha fl-ammont ta' €4,742.00, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-imsemmija somma ta' €4,742.00, bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri u tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment mar-Rikors promotur, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------